DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/383

tas-6 ta' Marzu 2015

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, seba' persuni u sitt entitajiet għandhom jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(3) Id-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK għandu jiġi emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Marzu 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
K. GERHARDS

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fit-Taqsimiet A u B tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

A. Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
199.	Bayan Bitar (magħruf ukoll bħala Dr Bayan Al-Bitar)	Indirizz: PO Box 11037 Damascus, Syria	Direttur Amministrattiv ta' Organisation for Technological Industries (OTI), u ta' Syrian Company for Information Technology (SCIT), li t-tnejn huma sussidjarji tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan, li ġie ddeżinjat mill-Kunsill. L-OTI tassisti fil-produzzjoni ta' armi kimiċi għar-reġim Sirjan. Bħala Direttur Amministrattiv tal-OTI u tal-SCIT Bayan Bitar jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Minħabba r-rwol tiegħu fil-produzzjoni ta' armi kimiċi, huwa jaqsam ukoll ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Fid-dawl tal-pożizzjoni għolja tiegħu f'dawn l-entitajiet, huwa wkoll assoċjat mal-entitajiet iddeżinjati OTI u SCIT.	7.3.2015
200.	Brigadier Ġenerali Ghassan Abbas	Indirizz: CERS, Centre d'Etude et de Recherche Scientifique; (magħruf ukoll bħala SSRC, Scientific Studies and Research Center; Centre de Recherche de Kaboun Barzeh Street, PO Box 4470, Damascus)	Manager tal-fergħa ta' Syrian Scientific Studies and Research Centre (SSRC/CERS), li huwa ddeżinjat, fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya. Huwa kien involut fil-proliferazzjoni tal-armi kimiċi u fl-organizzazzjoni ta' attakki bl-armi kimiċi, inkluż f'Ghouta f'Awwissu 2013. Għalhekk, huwa jaqsam ukoll ir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Bħala manager tal-fergħa tal-SSRC/CERS fl-inħawi ta' Jumraya/Jmraiya, Ghassan Abbas jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Bħala riżultat tal-pożizzjoni għolja tiegħu fl-SSRC, huwa wkoll assoċjat mal-entità ddeżinjata l-SSRC.	7.3.2015
201.	Wael Abdulkarim (magħruf ukoll bħala Wael Al Karim)	Indirizz: Pangates International Corp Ltd, PO Box Sharjah Airport International Free Zone, United Arab Emirates Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria Morgan Additives Office No 2206, 22nd Floor, Jafza View 19, Besides Jafza View 18, Sheikh Zayed Road, Jebel Ali Free Zone Authority Dubai, UAE	Direttur Amministrattiv tal-entità ddeżinjata Pangates International Corp Ltd, li taġixxi bħala intermedjarju fil-forniment taż-żejt lir-reġim Sirjan. Bħala Direttur Amministrattiv ta' Pangates, Wael Abdulkarim jagħti sostenn lir-reġim Sirjan u jibbenefika minnu. Huwa għandu wkoll pożizzjoni għolja fl-entità ddeżinjata Al Karim Group, li hija l-kumpannija prinċipali ta' Pangates. Bħala riżultat tal-pożizzjonijiet għolja tiegħu f'Pangates u Al Karim Group, huwa wkoll assoċjat ma' dawn l-entitajiet iddeżinjati.	7.3.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
202.	Ahmad Barqawi (magħruf ukoll bħala Ahmed Barqawi)	Indirizz: Pangates International Corp Ltd, PO Box Sharjah Airport International Free Zone, United Arab Emirates. Al Karim for Trade and Industry, PO Box 111, 5797 Damascus, Syria. Morgan Additives Office No 2206, 22nd Floor, Jafza View 19, Besides Jafza View 18, Sheikh Zayed Road, Jebel Ali Free Zone Authority Dubai, UAE	Manager Ġenerali ta' Pangates International Corp Ltd, li taġixxi bħala intermedjarju fil-forniment taż-żejt lir-reġim Sirjan, u manager ta' Al Karim Group. Kemm Pangates International kif ukoll Al Karim Group ġew iddeżinjati mill-Kunsill. Bħala Manager Ġenerali ta' Pangates u manager tal-kumpannija prinċipali ta' Pangates, Al Karim Group, Ahmad Barqawi jagħti sostenn lir-reġim Sirjan, u jibbenefika minnu. Minħabba l-pożizzjoni għolja tiegħu f'Pangates u Al Karim Group, huwa wkoll assoċjat mal-entitajiet iddeżinjati Pangates International u Al Karim Group.	7.3.2015
203.	George Haswani (magħruf ukoll bħala Heswani; Hasawani; Al Hasawani)	Indirizz: Damascus Province, Yabroud, Al Jalaa St, Syria	Negozjant Sirjan prominenti, koproprjetarju ta' HESCO Engineering and Construction Company, kumpannija tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni ewlenija fis-Sirja. Huwa għandu rabtiet mill-qrib mar-reġim Sirjan. George Haswani jagħti sostenn lir-reġim u jibbenefika minnu permezz tar-rwol tiegħu bħala persuna intermedjarja f'negozjati għax-xiri taż-żejt mill-ISIL mir-reġim Sirjan. Huwa jibbenefika wkoll mir-reġim permezz ta' trattament favorevoli inkluż l-għoti ta' kuntratt (bħala sottokuntrattur) ma' Stroytransgaz, kumpannija taż-żejt ewlenija Russa.	7.3.2015
204.	Emad Hamsho (magħruf ukoll bħala Imad Hmisho; Hamchu; Hamcho; Hamisho; Hmeisho; Hemasho)	Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Jokkupa pożizzjoni maniġerjali għolja f'Hamsho Trading. Bħala riżultat tal-pożizzjoni għolja tiegħu f'Hamsho Trading, sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill, huwa jagħti sostenn lir-reġim Sirjan. Huwa wkoll assoċjat ma' entità ddeżinjata, Hamsho International. Emad Hamsho jiffinanzja lill-milizzji ta' Shabiha li, min-naħa tagħhom, jiġbru l-azzar miż-żoni meqruda mill-forzi armati u l-milizzji tar-reġim Sirjan u jdewbuh ġo fabbriki lokali ta' Syria Steel (Hmisho Steel). Huwa wkoll Viċi President tal-Kunsill Sirjan tal-Ħadid u l-Azzar flimkien ma' negozjanti tar-reġim ddeżinjati bħal Ayman Jaber. Huwa wkoll soċju ta' Bashar Al-Assad.	7.3.2015
205.	Samir Hamsho (magħruf ukoll bħala Samer; Sameer; Hmisho; Hamchu; Hamcho; Hamisho; Hmeisho; Hemasho)	Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Samir Hamsho huwa negozjant prominenti li jibbenefika mir-reġim u jagħti sostenn lilu. Huwa l-proprjetarju u l-President ta' Al Buroj u Syria Steel/Hmisho Steel, sussidjarji ta' Hamsho Trading, sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill. Maħtur fil-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs f'Marzu 2014 mill-Ministru għall-Industrija.	7.3.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, huwa jipprovdi sostenn lir-reġim Sirjan u jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu mar-reġim. Huwa wkoll assoċjat mal-entitajiet iddeżinjati Hamso International, Syria Steel SA u Al Buroj Trading.	

B. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
65.	Organisation for Technological Industries (magħrufa wkoll bħala Technical Industries Corporation (TIC))	Indirizz: PO Box 11037 Damascus, Syria	Sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan, li ġie ddeżinjat mill-Kunsill. L-OTI hija involuta fil-produzzjoni ta' armi kimiċi għar-reġim Sirjan. Hija għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-poplu Sirjan. Bħala sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża, hija wkoll assoċjata ma' entità ddeżinjata.	7.3.2015
66.	Syrian Company for Information Technology (SCIT)	Indirizz: PO Box 11037 Damascus, Syria	Sussidjarja tal-Organisation for Technological Industries (OTI), u għalhekk tal-Ministeru għad-Difiża Sirjan, li ġew iddeżinjati mill-Kunsill. Hija taħdem ukoll mal-Bank Ċentrali tas-Sirja, li ġie ddeżinjat mill-Kunsill. Bħala sussidjarja tal-OTI u l-Ministeru għad-Difiża, SCIT hija wkoll assoċjata ma' dawn l-entitajiet iddeżinjati.	7.3.2015
67.	Hamsho Trading (magħrufa wkoll bħala Hamsho Group; Hmisho Trading Group; Hmisho Economic Group)	Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill. Bħala tali, Hamsho Trading hija assoċjata ma' entità ddeżinjata, Hamsho International. Tagħti sostenn lir-reġim Sirjan permezz tas-sussidjarji tagħha, inkluża Syria Steel. Permezz tas-sussidjarji tagħha hija assoċjata ma' gruppi bħall-milizzji Shabiha favur ir-reġim.	7.3.2015
68.	Syria Steel SA (magħrufa wkoll bħala Syria Steel Co; Syria Steel Rolling Mill; Hmisho Steel)	Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Sussidjarja ta' Hamsho Trading u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar sussidjarja ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill. Bħala tali, Syria Steel SA hija assoċjata ma' entità ddeżinjata. Syria Steel ukoll tagħti sostenn lir-reġim Sirjan permezz tal-ħidma tagħha ma' milizzji Shabiha u fil-produzzjoni tal-armamenti.	7.3.2015
69.	Al Buroj Trading (magħrufa wkoll bħala Borouj Trading Company)	Hamsho Building 31 Baghdad Street Damascus, Syria	Sussidjarja ta' Hamsho Trading u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar ta' Hamsho International, li ġiet iddeżinjata mill-Kunsill. Bħala tali, Al Buroj Trading hija assoċjata ma' entità ddeżinjata, Hamsho International.	7.3.2015

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
70.	DK Group (magħruf ukoll bħala DK Group Sarl; DK Middle-East & Africa Regional Office)	Indirizzi: DK Middle-East & Africa Regional Office, Peres Lazaristes Center, No. 3, 5th Floor, Emir Bachir Street, Beirut Central District, Bachoura Sector, Beirut, Lebanon. Azarieh Building — Block 03, 5th Floor Azarieh Street — Solidere — Downtown, PO Box 11-503, Beirut Lebanon	DK Group iforni karti tal-flus ġodda lill-Bank Ċentrali tas-Sirja. DK Group għalhekk jagħti sostenn lir-reġim. Minħabba din ir-relazzjoni ta' forniment, huwa ukoll assoċjat ma' entità ddeżinjata, il-Bank Ċentrali tas-Sirja.	7.3.2015